**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Denston Formosa**

**Illum is-7 ta' Mejju 2025**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Denston Formosa**, ta' 26 sena, iben Karen Formosa, residenti ġewwa 82, Kenden, Triq Għar u Casa, Mellieħa, mwieled il-Pieta' nhar il-15 ta' Settembru 1998 u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 346698M akkużat talli nhar il-15 t'April 2025 għall-ħabta tal-23:15hrs ta' filgħaxija u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe' lil PS 419 Anton Buttigieg, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżaw

jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' PS419 Anton Buttigieg f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Yanica Vella u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS419 Anton Buttigieg u PC216 Owen Zammit, uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkel jew indaħal lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli soqt il-vettura tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM136 bi traskuraġni, b'mod perikoluż u bla kont u mingħajr liċenzja ta' sewqan u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Soqt, ippruvajt issuq jew kellek kontroll ta` vettura tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM136 fit-triq jew f` post pubbliku wara li kkonsmajt alkahol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt u ċioe' kien dak ta' 054.9ug/100ml u dan bi ksur tal-Artikolu 15B(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Talli ukoll soqt il-vettura tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM136 mingħajr ma' kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti, toħroġ ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija *ai termini* tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur ta' PS 419 Anton Buttigieg;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti f'każ ta' ħtija, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux anqas minn tmient (8) ijiem u dan *ai termini* tal-Artikolu 15(4) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' nhar is-16 t'April 2025 l-Spettur Warren Galea u l-Spettur Ryan Vella Avukat qraw u ħalfu l-akkużi fil-konfront tal-imputat bil-ġurament tagħhom;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioe':

1. Rikors għall-ftuħ tar-Reġistru tal-Qorti b'urġenza[1];
2. Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-każ odjern jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];
3. NPS – PCR Person Details tal-imputat[3];
4. Fedina Penali tal-imputat[4];
5. *Breathalyzer* Test[5];
6. Stqarrija awdjo-viżiva tal-imputat[6];
7. Okkorrenza bir-referenza numru 11/POL/2313/2025[7].
8. Ċertifikat mediku pertinenti għal Anton Buttigieg[8];

Rat li waqt is-seduta ta' nhar is-16 t'April 2025 quddiem Din il-Qorti kif preseduta ġiet milqugħa t-talba tad-difiża sabiex ikun hemm divjet tad-dettalji tal-imputat mill-mezzi tax-xandir;

Rat li waqt is-seduta ta' nhar is-16 t'April 2025, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akużi miġjuba kontra tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat waqt is-seduta tas-16 t'April 2025 wieġeb li hu ħati, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien

[1] Ara Dok. WG1 a fol 6 tal-proċess
[2] Ara Dok. WG2 a fol 10 tal-proċess
[3] Ara Dok. WG3 a fol 11 tal-proċess
[4] Ara Dok. WG4 a fol 12 tal-proċess
[5] Ara Dok. WG5 a fol 13 tal-proċess
[6] Ara Dok. WG6 a fol 14 tal-proċess
[7] Ara Dok. WG7 a fol 15 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok. WG8 a fol 18 tal-proċess

xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li m'hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li tiddikjara li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ġew sodisfaċentement pruvati.

Rat l-atti proċesswali kollha;

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

Kwantu għall-akkużi li bihom hu mixli l-imputat fil-kawża ojderna u li dwarhom irreġistra ammissjoni u ċioe' li talli nhar il-15 t'April 2025 għall-ħabta tal-23:15hrs ta' filgħaxija u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe' lil PS 419 Anton Buttigieg, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' PS419 Anton Buttigieg f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Yanica Vella u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS419 Anton Buttigieg u PC216 Owen Zammit, uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom

jew ma ħallihomx jew fixkel jew indaħal lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli soqt il-vettura tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM136 bi traskuraġni, b'mod perikoluż u bla kont u mingħajr liċenzja ta' sewqan u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Soqt, ippruvajt issuq jew kellek kontroll ta` vettura tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM136 fit-triq jew f` post pubbliku wara li kkonsmajt alkahol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt u ċioe' kien dak ta' 054.9ug/100ml u dan bi ksur tal-Artikolu 15B(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Talli ukoll soqt il-vettura tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM136 mingħajr ma' kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u fid-dawl ta' dak ċitat aktar 'il fuq din il-Qorti tqis li l-istess imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement pruvati.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti, ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. In-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li tagħhom huwa qed jiddikjara li huwa ħati;

2. L-imputat irreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri u ċioe' meta tressaq taħt arrest li naturalment ifisser li din il-Qorti frankat il-ħin u l-ispejjeż li kienu jkunu neċessarji għall-ġbir tal-provi rigward il-mertu tal-każ odjern, li jirrinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-**

**Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[9] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[10 11], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja, li huwa eżattament dak li seħħ fil-proċeduri odjerni;

3. L-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet;

4. Il-fedina tal-imputat li hija waħda netta;

5. Id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' nhar is-16 t'April 2025 li m'hijiex qed tinsisti fuq Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-*parte civile*[12];

6. It-talba tad-difiża sabiex kull piena pekunarja tkun tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili[13];

Dawn il-fatturi kollha allura jagħtu lok sabiex il-Qorti, fil-kalibrazzjoni tal-piena ma tmurx għall-massimu stabbilit mil-liġi u tara li priġunerija effettiva m'hijiex idoneja fiċ-ċirkustanzi pero' fl-istess ħin trid tiżen dan kollu mar-reati kontemplati u li għalihom l-akkużat irreġistra l-ammissjoni tiegħu.

## <u>Decide</u>

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 95, l-Artikolu 338(ee), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a), l-Artikolu 15B.(1) u l-Artikolu 15H.(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta **ssib lill-**

---

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002

[11] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

[12] Ara a fol 5 tal-proċess

[13] Ara a fol 5 tal-proċess

**imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu** tikkundannah:

1. għal **multa kumplessiva ta' ħamest elef u ħames mitt Euro (€5500)** li trid titħallas fi żmien massimu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza b'dan illi fuq talba tad-difiża li ma ġietx opposta mill-Prosekuzzjoni u *stante* li l-ammont innifsu m'huwiex ammont żgħir, l-Qorti qiegħda b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tawtorizza lill-imputat issa l-ħati jħallas l-ammont imsemmi permezz ta' pagamenti mensili b'dan pero' li t-terminu impost u ċioe' dak ta' massimu ta' tliet (3) snin għandu jibqa' rispettat;

2. u għall-piena ta' **sitt (6) xhur priġunerija, iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet, il-fatt li għandu fedina netta, tissospendi t-terminu ta' sitt (6) xhur priġunerija għal tliet (3) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza. A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

B'żieda mal-piena erogata u msemmija aktar 'il fuq, b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(3), l-Artikolu 15H.(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat għal żmien sena mil-lum jew minn meta din is-sentenza tkun *res judicata* milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan.

Din il-Qorti, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li ma ġew nominati ebda esperti;

*Stante* li waqt is-seduta ta' nhar is-16 t'April 2025 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'hijiex qiegħda tinsisti fuq Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-*Parte Civile* Ps 419 Anton Buttigieg din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-istess Prosekuzzjoni għal ħruġ t'Ordni Ta' Trażżin *ai*

*termini* tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur l-istess Ps 419 Anton Buttigieg b'dan li għall-istess raġuni msemmija din il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-talba tal-istess Prosekuzzjoni sabiex torbot lill-imputat issa l-ħati b'obbligazzjoni personali b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imsemmija *Parte Civile* Ps 419 Anton Buttigieg.

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kopja skenjata tal-atti, inkluż din is-sentenza, jkunu komunikati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat mil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**